**Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**JANNAR - DIĊEMBRU 2018**

**Is-Seba' Kunsill Lokali 2015 -2019**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **4** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **11** |

## 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Matul din is-sena il-Kunsill kellu tibdil fil-mod kif isir id-deprezzament tal-assi.

Ittieħdu l-assi kollha u sarilhom deprezzament fuq is-sena kurrenti f'daqqa flok fuq medja t'għaxar snin u għaldaqstant is-somma li kellha titnaqqas kienet konsiderevoli tant li għal din is-sena il-Kunsilli Lokali kollha spiċċaw b'defiċit.

Il-Kunsill għal din is-sena xorta waħda ħadem bil-għaqal u l-fondi ġew utilizzati b'mod li bih kien ta' benefiċċju għar-residenti kollha.

Matul din is-sena komplejna wkoll bil-laqgħat ma' diversi entitajiet, organizzajna diversi attivitajiet kif ukoll korsijiet.

## 2.0 Il-Kunsill

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, huwa magħmul minn 9 Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' tlett impjegati skrivani kif ukoll wieħed fil-pożizzjoni ta' *works co-ordinator* fix-xogħol tal-Uffiċċju.

**Lista ta' Responsabbiltajiet ta' kull Kunsillier fis-Seba' Kunsill**

**Sindku Stefan Cordina**
Amministrazzjoni Ġenerali, Finanzi, Ippjanar, Proġetti, Editur Rivista, Twinning, Żgħażagħ, Anzjani, Jum Ħ'Attard, Kultura, Infrastruttura, Żoni u Ambjent

**Viċi Sindku Mark Anthony Spiteri**
Librerija Pubblika, Żgħażagħ, Jum Ħ'Attard, Politika Soċjali, Twinning

**Kunsillier Marisa Abela**
Kummerċ, Komunikazzjoni, Relazzjonijiet Pubbliċi

**Kunsillier Connie Scerri**
Ambjent, Rispett għall-annimali, Assistent f'Jum Ħ'Attard

**Kunsillier Alexander Mangion**
Edukazzjoni, Residenti Barranin, Fondi EU

**Kunsillier John Debono**
Immaniġġjar tat-Traffiku, Taħriġ fix-xogħolijiet, Sport

**Kunsillier Alfred Zammit**
Indafa, Ġonna Pubbliċi, Dawl tat-toroq

**Kunsillier Raymond Azzopardi**
Servizzi Pubbliċi, Saħħa

**Kunsillier Ralph Cassar**
Wirt Storiku, Turiżmu, Librerija Pubblika, Mobbilta, Fondi EU

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2018 sa 31 ta' Diċembru 2018 fis-seba' legislatura inżammu tnax (12) –il laqgħa, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | ASSENTI | % |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Stefan Cordina | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 2 | Mark Anthony Spiteri | 12 | 11 | 1 | 0 | 91% |
| 3 | Ralph Cassar | 12 | 11 | 1 | 0 | 91% |
| 4 | Alexander Mangion | 12 | 10 | 2 | 0 | 83% |
| 5 | Marisa Abela | 12 | 10 | 2 | 0 | 83% |
| 6 | Connie Scerri | 12 | 11 | 1 | 0 | 91% |
| 7 | John Debono | 12 | 11 | 1 | 0 | 91% |
| 8 | Alfred Zammit | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |
| 9 | Raymond Azzopardi | 12 | 12 | 0 | 0 | 100% |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta bħas-snin ta' qabel hekk:

| | |
|---|---|
| Marica Mifsud | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Yanica Sammut | Prinċipal (Amministrazzjoni) |
| Karen Fsadni | Skrivana (Amministrazzjoni) |
| Diandra Borg | Skrivana (Amministrazzjoni) |
| George Borg | Works Co-ordinator (Xogħolijiet fuq barra) |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frankie Attard | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur John C Vella | Resource Support and Services Ltd |
| Is-Sur Henry Caruana | Engineering Resources Ltd |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Matthew Bondin LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit Dieter Falzon A&CE |

Matul diversi xhur f'din is-sena wkoll, permezz tal-iskema CIES, ħaddiema minn din l-iskema kienet assenjata fuq xogħol amministrattiv.

Dawn in-nies huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem f'ħidmietu. Inħossni kburija li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2018 kienet ta': | €701,755 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €18,388 |
| Dħul Supplimentari mill-Gvern | €48,169 |
| **Dħul minn Bye-laws ta' €2,507** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 2,507 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €6,774** | |
| Dħul minn kontravvenzjonijiet | €1,079 |
| Aministration fees + LESA | € 5,695 |
| **Interessi** | € 0 |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €40,185** | |
| Servizzi Komunitarji | €3,144 |
| Sale of books and other mechandise | €0 |
| Dħul Ġenerali | €0 |
| Dokumenti/ u *Information Charges* | €9 |
| Dħul mill-*Media* | €0 |
| Donazzjonijiet | €925 |
| Kontribuzzjonijiet | €650 |
| Refużjoni | €0 |
| Insurance Claims | € 23 |
| Dħul minn Permessi | € 35,434 |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2018 kien ta'** | **€ 817,778** |

**L-INFIQ**

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €153,321 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 11,196 |
| Onorarja tal-Kunsilliera | € 11,200 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 34,568 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 86,458 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 9,899 |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €39,815** | |
| Propjeta' Pubblika | € 12,707 |
| Toroq u Bankini | € 12,454 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | €8,932 |
| Marki tat-traffiku | € 4,262 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 725 |
| *Għodda* | € 100 |
| *Tiswijiet oħra* | € 32 |

| | |
|---|---|
| *Tiswijiet* | €50 |
| *Propjeta' tal-Kunsill* | €553 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €461,114**

| | |
|---|---|
| Waste Disposal | € 89,914 |
| Ġbir ta' Skart | € 140,530 |
| Ġbir ta' *Bulky Refuse* | € 20,054 |
| Kiri ta' *Skips* | € 1,851 |
| Bring-in Sites | € 0 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 80,153 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | € 9,188 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 6,870 |
| *Cleaning Services* | €220 |
| *Other Contractual Service* | € 0 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 96,031 |
| *Clean. & Main. Soft Areas* | €875 |
| *Street Lighting* | € 11,168 |
| *Studies & Consultations* | € 0 |
| *Experts* | € 1,011 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 3,249 |

**Dan huwa total ta' *Operations and Maintenance* ta'** **€ 500,929**

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra €423,953**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 13,250 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħra | € 7,260 |
| Kera | € 116 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Nazzjonali u Nternazzjonali | € 772 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 31,131 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 6,180 |
| *Lease of equipment* | € 854 |
| Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku | € 5,359 |
| *Insurance Cover* | € 4,002 |
| *Bank Charges* | € 145 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 33,006 |
| *Training* | € 175 |
| *Penalties* | € 250 |
| *Social Events* | € 10,341 |
| *Cultural Events* | € 6,342 |
| *Entertainment* | € 339 |
| Donazzjonijiet | € 102 |
| Conference Expenses | €31 |
| *Provision for doubtful debts* | (€ 226) |
| *Bad Debts Written Off* | € 0 |
| *Depreciation* | € 297,371 |
| Inventory Written Off | € 7,180 |

**L-Infiq Totali għas-sena 2018 kien** **€ 1,078,203**

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Korsijiet**

Ġew organizzat korsijiet tal-Lifelong Learning ġewwa l-iskola Primarja Tumas Dingli, Kulleġġ San Nikola. Fost dawn il-korsijiet kienu; Crochet u Sign Language (Malti).

Għal din is-sena wkoll komplejna noffru korsijiet tal-kompjuter fejn ġew offruti korsijiet ROBOTICA kif ukoll Learn IT**.**

Ġew organizzati ukoll korsijiet Għaqal id-Dar kif ukoll Zumba.

**5K u 10K Road Race**

Din is-sena l-Kunsill Lokali reġa' organizza t-tlielaq bil-għajnuna tal-Malta Marathon Association. Bħal kull sena l-Kunsill ħa feedback tajjeb mingħand il-parteċipanti kollha. Il-konkorrenza tal-atleti dejjem qegħda tibqa' tiżdied. Ta' kull darba jintlaħaq record ġdid!

**Saħħa**

Kienu madwar 334 persuna li marru ġewwa l-berġa sabiex jieħdu l-vaċċin kontra l-influwnza.Infermjiera intbagħħtet mill-Kunsill sabiex toffri dan is-servizz.

Matul din is-sena wkoll offrejna s-servizz tad-Dental Unit.

**Il-ħarsien soċjali**

L-attivitajiet għall-anzjani ma naqsux lanqas matul din is-sena. Transport kif ukoll ikel ġie provdut għal waqt l-attivitajiet tal-grupp tas-60+.

Il-Kunsill organizza kompetizzjoni għall-isbaħ gallarija fejn kienet miftuħa għar-residenti kollha ta' Ħ'Attard.

F'Novembru ġie organizzat Jum Ħ'Attard fejn waqt din is-serata ingħataw il-'Ġieħ Ħ'Attard' kif ukoll l-'Unur Ħ'Attard'.

Matul ix-xahar ta' Dicembru ġie organizzat Bazaar b'risq Puttinu Cares kif ukoll stedinna lit-tfal tar-raħal jieħdu sehem f'kompetizzjoni għall-isbaħ karotlina.

### Fil-qasam tal-persuni b'dizabbilita'

Il-Kunsill Lokali għal din is-sena wkoll kompla r-rampi ma' postijiet pubblici kif ukoll f'bankini sabiex ikun hemm aċċess aħjar.

Permezz tal-iskema CIES ġiet impjegata persuna b'diżabbilita' ġewwa l-uffiċini tagħna.

### Immaniġġjar tat-Traffiku

Komplejna bil-ħidma li ilha għaddejja min-naħa tal-Kunsill għal madwar 6 snin sabiex jiġu mplimentati diversi miżuri ġodda tat-traffiku ġewwa Triq Victor Vassallo. Nifhmu li l-problema tat-traffiku hija waħda Nazzjonali iżda qed nagħmlu l-aħjar li nistgħu sabiex nevitaw li t-traffiku jeħel f'ċerti żoni partikolari bħal ngħidu aħna Triq San Anton.

Barra minn hekk saru diversi sleeping policemen madwar ir-raħal fosthom fi Triq il-Linja. Fi Triq il-Mosta saru bollards ġodda kif ukoll zebra crossing ġdida.

### Separazzjoni tal-Iskart

Bħas-snin ta' qabel, erġajna ppubblikajna l-kalendarju fejn juri x'tip ta' skart għandu jinħareġ ġurnata b'ġurnata. B'hekk ninkoraġixxu lir-residenti kollha sabiex isegwi l-iskeda u nevitaw li jinħareġ skart li ma jkunx ser jinġabar f'dik il-ġurnata partikolari. Komplejna wkoll noffru servizz ta' ġbir ta' skart tal-ġonna fl-istess ħin li jinġabar l-iskart domestiku kull nhar ta' Sibt.

Minn Ottubru beda jinġabar ukoll l-iskart organiku. Il-Kunsill żied servizz tat-tqassim tal-boroż il-bojod flimkien mas-servizz li kien diga' qed jiġi offrut u baqa' għaddej; dak tat-tqassim tal-boroż il-ħodor. Dawn jitqassmu b'xejn.

Matul is-serata organizzata mill-Greenpak il-Kunsill rebaħ il-premju 'Best Overall Performace' u kien nominat ukoll għal premju 'Most Proactive Council'.

Għad-9 sena konsekuttiva reġgħet ġiet organizzata wkoll l-EkoFesta. Inizzjattiva sabiex inkomplu nħeġġu lil kull min ikun armat ibigħ ikel u xorb waqt il-festa jirriċikla l-iskart li jiġi ġġenerat waqt l-istess attivita'. Din is-sena ħadu sehem ukoll l-NGO Żibel fejn provdew reċipjenti oħra għal fliexken tal-plastik.

### Turiżmu/Ġemellaġġ

Din is-sena bħala parti mill-ħidma tal-Ġemellaġġ ġiet organizzata wirja ta' ċeramika mis-Sur Paul Haber ġewwa Pariġi. Ix-xogħol tas-Sur Haber dam esebit għal ġimgħatejn sħah.

### Wirt Storiku

Il-Kunsill Lokali kompla bil-ħidma tiegħu fuq il-proġett tar-restawr tal-Embankement kif ukoll jinbena mill-ġdid l-istazzjon tal-Ferrovija fejn mbagħad jintuża bħala Librerija

Pubblika. Ingħatajna l-fondi u lejn l-aħħar ta' din is-sena beda x-xogħol fuq il-proġett. Huwa pjanat li dan il-proġett jiġi finalizzat fis-sena 2020.

Matul din is-sena ġie rrestawrat wkoll il-Bust tal-Papa li jinsab fi Pjazza Ġwanni Pawlu II.

**Proġetti Kapitali**

Il-manutenzjoni baqgħet għaddejja b'mod regolari. Saret l-art b'materjal apposta madwar il-bandla fi Ġnien Ħal Warda.

Ingħata wiċċ tal-concrete fi Triq Hannibal kif ukoll saru toroq b'tarmac ġdid bħal Triq il-Pjazzetta u T/Ġ fi Triq Santa Katerina. Sar ukoll patching u bankini ġodda f'diversi toroq sekondarji.

**Żjarat**

Din is-sena l-Kunsill kellu diversi żjarat fej ġew diskussi opportunitajiet u inizjattivi. Fosthom il-Kunsill iltaqa' mad-Deputy Chief of Mission mill-Ambaxxata Amerikana, s-Sur Mark A Shapiro u mal-Ambaxxatriċi għal Franza, s-Sna Beatrice Le Fraper du Hellen.

F'Novembru, l-Kunsill ltaqa' mal-President ta' Malta, l-Eċċ. Tagħha s-Sinjura Marie Louise Coleiro permezz ta' viżita ta' kortesija ġewwa l-Palazz ta' San Anton.

Għal darboħra, s-Sna Michelle Muscat żaret l-uffiċini tagħna bħala parti mill-inizzjattiva tal-Pink October.

**Inizzjattivi**

Fost l-inizjattivi li l-Kunsill jieħu sehem fihom, din is-sena ffirmajna ftehim sabiex ma jittajrux bżieżaq waqt attivitajiet li jsiru ġewwa r-raħal tagħna.

Il-Kunsill xegħel il-faċċata tiegħu matul żminijiet partikolari bil-kuluri roża, vjola u blue sabiex inkomplu noħolqu għarfien fuq il-mard tal-kanċer fis-sider, il-fibromyalgia u l-awtiżmu.

## 3.3 ORGANIZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam, bil-parteċipazzjoni tal-istess kunsilliera.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' l-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibbli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħ'Attard, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Ħ'Attard qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegat fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' *team*, għaliex b'team t' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u

kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċerta li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Ħ'Attard għal din is-sena 2018. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti fl-ewwel sena tas-Seba' leġislatura tal-Kunsill, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**Marica Mifsud**
**Segretarju Eżekuttiv**

## *Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

| Statement of Income and Expenditure | 2018 | 2017 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 768,332 | 722,203 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 2,507 | 5,488 |
| Income raised under Local Enforcement System | 6,774 | 35,875 |
| General Income | 40,185 | 41,199 |
| | **817,798** | **804,765** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | (153,321) | (142,608) |
| Operations and maintenance | (500,929) | (475,677) |
| Administration and other Expenditure | (423,953) | (151,567) |
| | **(1,078,203)** | **(769,852)** |
| **Operating surplus for the year / period** | **(260,405)** | **34,913** |
| Finance Income | 99 | 83 |
| Finance Costs | (21) | (611) |
| | (260,327) | 34,385 |
| Loss on sale of assets | (81) | (508) |
| **Profit/Loss for the year** | **(260,408)** | **33,877** |

## *Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)

**Statement of Affairs**

| | 2018 | 2017 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 264,729 | 467,611 |
| Intangible Assets | 841 | - |
| | **264,570** | **467,611** |
| **Current Assets** | | |
| Inventories | 2,172 | 9,486 |
| Receivables | 101,300 | 67,253 |
| Cash and cash equivalents | 222,954 | 233,583 |
| | **326,426** | **310,322** |
| **Total Assets** | **591,996** | **777,933** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 257,775 | 518,183 |
| **Total Equity** | **257,775** | **518,183** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Deferred Income | 182,506 | 157,069 |
| | **182,506** | **157,069** |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 151,715 | 102,681 |
| | **151,715** | **102,681** |
| **Total Liabilities** | **334,221** | **259,750** |
| Total reserves and liabilities | **591,996** | **777,933** |

## *Statement of Changes in Equity (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 January 2017** | **484,306** | **484,306** |
| Profit for the year | **33,877** | **33,877** |
| **At 31 December 2017** | **518,183** | **518,183** |
| | | |
| **At 1 January 2018** | **518,183** | **518,183** |
| Loss for the year | **(260,408)** | **(260,408)** |
| **At 31 December 2018** | **257,775** | **257,775** |

## *Cash Flow Statement (*Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

**Statement of Cash Flows**

| | 2018 | | 2017 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net loss/profit for the year** | (260,408) | | 33,877 | |
| Reconciliation to cash generated from operations | | | | |
| Depreciation | 297,371 | | 54,155 | |
| Loss on disposal of assets | 81 | | 508 | |
| Movement in Provision for Doubtful Debts | (226) | | (1,034) | |
| Bad debtors written off | - | | 978 | |
| Inventory written off | 7,180 | | 492 | |
| Reclass from property plant and equipment to income | (942) | | - | |
| Interest payable | 21 | | 611 | |
| Interest receivable | (99) | | (83) | |
| Operating profit before working capital changes | **42,978** | | **89,504** | |
| Decrease in inventories | **134** | | **40** | |
| (Increase)/decrease in receivables | **(15,295)** | | **1,765** | |
| (Increase)/decrease in other receivables | **(7,361)** | | **(16,204)** | |
| (Increase) in payables | **40,026** | | **11,245** | |
| (Decrease) in other payables | **9,007** | | **(1,663)** | |
| Government grant released | **-** | | **(23,692)** | |
| Cash generated from operating activities | | **84,211** | | **84,687** |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | **99** | | **83** | |
| Purchase of property, plant & equipment | **(162,583)** | | (9,295) | |
| Receipt of grant | **67,665** | | 29,161 | |
| Cash generated in investing activities | | **(94,819)** | | **19,949** |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| Interest paid | **(21)** | | **(611)** | |
| **Cash used in financing activities** | | **(21)** | | **(611)** |
| **Net Decrease in cash in the year** | | **(10,629)** | | **104,025** |
| Cash and equivalents at beginning of year | | **233,583** | | 129,558 |
| **Cash and equivalents at end of year** | | **222,954** | | **233,583** |